MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2011

Appell Kriminali Numru. 505/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Balzan**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Balzan talli ghax-xahar ta’ Lulju 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil martu Jacqueline Balzan u/jew lill-ulied is-somma ffissata min dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Novembru 2010 li

biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imsemmi Joseph Balzan hati u kkundannatu gimaghtejn detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Balzan ipprezentat fl-24 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha ghal dik li hija l-imputazzjoni, tirrevokaha kwantu ghall-piena billi telimina d-detenzjoni nflitta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Ghalkemm dan huwa appell mill-piena, jirrizulta mis-sentenza moghtija llum fl-appell numru 85/11 li l-appellant odjern kien instab hati li ma ssomministrax manteniment lil martu ghal uliedu ghax-xhur ta' Gunju 2010, Lulju 2010, Awwissu 2010 u Settembru 2010. L-imputazzjoni hawn in ezami tirreferi wkoll ghax-xahar ta' Lulju 2010. Hawn ghalhekk japplika l-principju *ne bis in idem*.

**6.** Kif inhu risaput, ir-regola tan-*ne bis in idem* kif espressa fl-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali hija aktar wiesa' minn kif formulata fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "reat kriminali" u japplika d-dottrina tan-*ne bis in idem* ghal dak ir-"reat kriminali" partikolari li tieghu dak li jkun ikun gie misjub hati jew illiberat u ghal "reati kriminali" ohra komprizi u involuti f'dak ir-reat kriminali partikolari[1], l-artikolu 527 jitkellem dwar "l-istess fatt". L-artikolu 527, infatti, jghid hekk: *"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-<u>istess fatt</u> ikun suggett ghal kawza ohra"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Hu appena necessarju li jigi osservat li ghalkemm din id-disposizzjoni titkellem dwar il-liberazzjoni ta' dak li jkun, u mhux ukoll dwar il-kundanna tieghu, il-qrati taghna dejjem interpretawha bhala li tinkludi wkoll il-kaz fejn persuna tkun giet misjuba hatja ta' l-istess fatt (ara ***Il-Pulizija v.***

[1] "…jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat…".

***Anthony Vella et.*** App. Krim., 19 ta’ Frar 1999; ***Il-Pulizija v. Adrian Cassar Galea*** App. Krim., 20 ta’ Novembru 2000).

**6.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------